



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.11.2016  
SWD(2016) 415 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**  
**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
li temenda d-Direttiva 2010/31/EU dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija**

{ COM(2016) 765 final }

{ SWD(2016) 414 final }

## Skeda tas-sommarju eżekuttiv

Valutazzjoni tal-Impatt dwar proposta leġislattiva għar-rieżami tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (id-Direttiva 2010/31/UE)

### A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

#### Għalfejn? X'inhom l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?

L-ewvalwazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (I-EPBD) turi progress ċar fit-titjib tal-effiċjenza tas-settur tal-bini: it-tnaqqis fil-konsum annwali tal-enerġija għal kull erja ta' art ( $kWh/(m^2 \cdot y)$ ) żdied b'mod konsiderevoli wara l-2006 (meta daħlet fis-seħħ l-EPBD tal-2002), u dan kien sostnut bis-saħħa tal-impatt tal-EPBD riformulata fl-2013 u fl-2014. Hemm evidenza li kien hemm iffrankar tal-enerġija finali ta' 48.9 Mtoe fl-2014, meta mqabbel mal-linja bażi tal-2007 tal-EPBD riformulata. Dan jidher li huwa konformi mal-valutazzjoni tal-impatt tal-2008 u jindika li x'aktarx id-Direttiva se twassal għall-impatti mistennija sal-2020.

Madankollu, it-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti qed timxi b'pass relattivament kajman u għad hemm potenzjal konsiderevoli għal iffrankar addizzjonali fl-enerġija b'mod kosteffikaċi sal-2030. Il-problema fundamentali hija li parti sinifikanti minn dan il-potenzjal mhux se jitwettaq jekk kollox jibqa' kif inhu, billi għadd kbir ta' investimenti kosteffettivi fl-effiċjenza fl-enerġija tal-bini mhux se jsejtn. Għalhekk l-UE għandha tintervjeni issa biex tappoġġa ulterjorment it-tneħħija ta' ostakli speċifiċi għall-effiċjenza fl-enerġija u għall-enerġija rinnovabbli fil-bini li se fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EPBD.

Il-partijiet ikkonċernati milquta minn din l-inizjattiva huma l-konsumaturi, l-unitajiet domestiċi, in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi, is-settur tal-kostruzzjoni (b'mod partikolari l-SMEs) u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, l-investituri u atturi finanzjarji oħrajn.

#### X'inhom mistenni li tikseb din l-inizjattiva?

L-EPBD hija bbażata fuq l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jservi bħala l-bażi legali għal politika tal-Unjoni li tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffirankar fl-enerġija. L-għan ġenerali tar-rieżami tal-EPBD, inkluż l-inizjattiva ta' Finanzjament Intelliġenti għal Bini Intelliġenti, huwa li tippromwovi użu akbar tat-teknoloġiji tal-effiċjenza fl-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-bini u li twassal għal tnaqqis kosteffettiv fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (il-GHG), filwaqt li tgħin biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

L-għanijiet speċifiċi tar-rieżami, kif ippreżentati fil-[valutazzjoni tal-impatt inizjali](#), kienu:

- (1) li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-ewvalwazzjoni tal-EPBD sabiex ikun żgurat li din tibqa' adattata għall-iskop tagħha (il-komponent tar-REFIT);
- (2) li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali relatati mal-effiċjenza fl-enerġija u mal-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, bil-perspettiva tal-2030; kif ukoll
- (3) li jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament u jitħeġġeġ l-investiment (il-Finanzjament Intelliġenti għal Bini Intelliġenti).

L-għanijiet operazzjonali tal-għażla ppreferuta huma:

- li timmassimizza r-rwol tad-Direttiva fiż-żieda tar-rati ta' rinnovazzjoni;
- li tkompli ssaħħa it-tneħħija tal-ostakoli għall-effiċjenza fl-enerġija fil-bini; kif ukoll
- li l-istokk tal-bini tal-UE jsir aktar intelliġenti u li tintegra fih l-iżviluppi teknoloġiċi u tappoġġa l-promozzjoni tal-elettromobbiltà.

#### X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-valur miżjud li jinkiseb meta jiġi indirizzat ir-rendiment tal-enerġija tal-bini fil-livell tal-UE huwa l-ħolqien, permezz ta' azzjoni koordinata, ta' suq intern aktar b'saħħtu li jappoġġa l-kompetittività u s-sostenibbiltà tas-settur tal-kostruzzjoni, li jisfrutta s-sinerġiji mal-politika dwar il-klima, li jippermetti li-ċittadini tal-UE jaġġmli għażliet aktar infurmati meta jixtru/jikru l-postijiet u b'hekk li jtejjeb il-kwalità tal-bini fejn ngħixu u naħdmu.

Il-valutazzjoni tal-impatt li fuqha hija msejsa l-proposta għal Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (COM(2016)482 final) turi li f'xena għall-UE għat-tnaqqis tal-gassijiet serra b'mod kosteffikaċi, l-Istati Membri kollha jridu jtejjbu l-effiċjenza fl-enerġija tagħhom b'mod simili. Mingħajr strument leġislattiv tal-UE għall-bini, mhux l-Istati Membri kollha se jaġixxu f'dan is-settur (pereżempju xi wħud jistgħu jilħqu l-mira tagħhom għall-kondiviżjoni tal-isforzi mingħajr azzjoni addizzjonali). In-nuqqas ta' Stat Membru wieħed jew aktar milli jaġixxi fil-qasam tal-bini se jwassal għal spiża akbar b'mod ġenerali għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għall-UE kollha kemm hi.

Azzjoni fil-livell tal-UE sservi biex tixpruna l-aġġornament tar-regolamenti nazzjonali fis-settur tal-bini fl-UE kollha. Qabel l-adozzjoni tad-Direttiva tal-2002, f'ħafna Stati Membri r-regolamentazzjoni ma kinitx timponi rekwiżiti tal-effiċjenza fl-enerġija u sal-adozzjoni tad-Direttiva tal-2010, ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment ma kinux imqabbla mill-Istati Membri mal-kostottimalità.

Is-settur tal-kostruzzjoni huwa kruċjali għall-ekonomija Ewropea. Bi tliet miljun intrapriża, bi produzzjoni annwali ta' aktar minn EUR 1 211 biljun u b'kontribuzzjoni ta' madwar 10 % għall-PDG tal-UE, huwa jimpjega total ta' 14-il miljun ruħ f'forza tax-xogħol diretta. (Il-prodotti tal-kostruzzjoni, is-servizzi tal-kostruzzjoni, it-tiżnin, l-arja kondizzjonata u t-tagħmir tad-dawl, is-sistemi ta' rinnovament fil-bini, is-sistemi intelliġenti tal-kontroll, is-sistemi ta' awtomatizzazzjoni tal-bini, il-miters intelliġenti, eċċ.)

Barra minn hekk, minbarra li jtaffi t-tibdil fil-klima u jiġġenera t-tkabbir u l-impjegji, it-titjib fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija għandu ħafna benefiċċji oħra li jikkontribwixxu biex jinkisbu l-għanijiet tal-politika ambjentali u soċjali.

## B. Soluzzjonijiet

### X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għalfejn?

Sabiex jinkiseb l-oġettiv mixtieq, ġew ikkunsidrati l-għażliet li ġejjin:

- l-ebda bidla;
- miżuri ta' simplifikazzjoni;
- l-għażla I: Implimentazzjoni mtejba u gwida ulterjuri;
- l-għażla II: Implimentazzjoni mtejba b'emendi mmirati biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet attwali; kif ukoll
- l-għażla III: Implimentazzjoni mtejba u rieżami lil hinn mil-loġika attwali dwar l-intervent u mil-livell attwali ta' sussidjarjetà.

Dawn l-għażliet ta' politika ġew ivvalutati u ntrabtu ma' dawn il-miżuri li ġejjin:

1. l-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tal-bini billi jiżdedu b'mod sinifikanti r-rati ta' rinnovazzjoni;
2. l-irfinar tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija;
3. il-modernizzazzjoni bl-użu ta' teknoloġiji intelliġenti u s-simplifikazzjoni ta' dispożizzjonijiet skaduti għall-benefiċċju taċ-ċittadini; kif ukoll
4. it-titjib tal-appoġġ finanzjarju u tal-informazzjoni għall-utenti permezz ta' sistemi taċ-ċertifikazzjoni għar-rendiment fl-użu tal-enerġija li jkunu aktar integrati u aktar b'saħħithom.

L-għażla ppreferuta hija l-għażla II, flimkien mal-miżuri ta' simplifikazzjoni. Din l-għażla hija l-aktar waħda allinjata mar-risultati u mas-sejbiet tal-evalwazzjoni u mal-qafas eżistenti. Hija tintroduċi titjib sinifikanti fl-EPBD u fil-qafas regolatorju ġenerali għat-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, filwaqt li tippermetti livell għoli ta' flessibilità għall-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali.

### Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati wriet appoġġ wiesa' mill-industrija tal-kostruzzjoni għal politika ambizzjuża li tistimula r-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti. Xi partijiet kellhom riżervi dwar il-"ftuħ mill-ġdi" tad-Direttiva attwali u r-riskju li d-dispożizzjonijiet tagħha jiddgħajfu. Dan jappoġġa l-fehma li dawn il-bidliet għandhom ikunu mmirati aktar milli komprensivi, u li f'dan is-settur jenħtieġ l-intervent ta' politika tal-UE biex jinżamm il-livell tal-isforz u tal-ambizzjoni madwar l-UE.

## C. L-impatti tal-għażla ppreferuta

### X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażla ppreferuta twiegħed li tnaqqas l-użu annwali tal-enerġija finali bi 28 Mtoe sal-2030, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 38 Mt ta' emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>. Bħala proporzjon tal-PDG tal-UE, sal-2030 it-total tal-enerġija finali użata se jonqos b'0.3 punti perċentwali. Bejn 515 000 u 3.2 miljun unità domestika (minn total ta' 23.3 miljun) se jinħarġu mill-faqar enerġetiku.

L-għażla ppreferuta se tikkontribwixxi wkoll għall-kompetittività tal-industrija Ewropea (b'mod partikolari fir-rigward tal-insulazzjoni u tal-ħġieġ ċatt), filwaqt li żżid il-valur tas-suq tal-UE bi EUR 23.8 biljun sal-2030 u toħloq suq ta' rinnovazzjoni għall-SMEs ta' bejn EUR 80 u -120 biljun. Barra minn hekk, sal-2030 din se tiġġenera madwar 220 000 impjeg addizzjonali (meta mqabbla max-xenarju ta' referenza).

### X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?

Huwa stmat li l-għażla ppreferuta se twassal għal attività addizzjonali fil-qasam tal-kostruzzjoni relatata mal-enerġija (l-insulazzjoni tas-saqaf, is-sostituzzjoni tat-twieqi, l-aġġornamenti tas-sistemi tal-bini, eċċ.) ta' valur ta' EUR 47.6 biljun sal-2030. Madankollu, EUR 1 sa 4 biljun biss minnhom se jkunu meħtieġa direttament mill-miżuri inkwistjoni. Fl-aħħar nett, dan se jikkorrispondi għal tnaqqis fl-infiq annwali tal-enerġija ta' bejn EUR 24 u 36 biljun għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.

### Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Fost il-kumpaniji tas-settur tal-kostruzzjoni, 99 % huma SMEs. L-għażla ppreferuta toħloq opportunitajiet ġodda tan-negozju, b'mod partikolari fir-rigward tar-rinnovazzjoni tal-bini, u b'hekk tagħti spinta lid-domanda għal teknoloġiji u sistemi tal-effiċjenza fl-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli. Biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet il-ġodda li jġib miegħu suq akbar tar-rinnovazzjoni, l-SMEs se jkollhom itejbu l-ħiliet tal-ħaddiema tagħhom li jaħdmu fuq il-post. Madankollu, il-manifatturi u d-distributuri tal-prodotti tal-kostruzzjoni ta' spiss jipprovdu taħriġ u f'ħafna pajjiżi hemm ukoll appoġġ finanzjarju (minn fondi nazzjonali u tal-UE) biex jitejbu l-ħiliet tal-ħaddiema tal-kostruzzjoni.

### Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Il-kalkoli tal-ispejjeż amministrattivi (bl-użu tal-mudell tal-kost standard) juru li l-għażla ppreferuta tirriżulta fi tnaqqis tal-piż nett totali ta' EUR 98.1 miljun fis-sena (EUR 981 miljun għall-perjodu bejn l-2020 u l-2030), li jikkorrispondi għal tnaqqis ta' madwar EUR 108.5 miljun fis-sena għas-settur privat u għal żieda żgħira (ta' madwar EUR 10.4 miljun) għas-settur pubbliku. B'mod ġenerali, il-pożizzjoni tal-baġit pubbliku titjeb kemxejn bis-saħħa taż-żieda mistennija fl-attività ekonomika. Mil-lat tad-dħul, hemm tnaqqis żgħir fid-dħul mit-taxxi tas-sisa fuq l-enerġija u mill-prezzijiet fl-iskema għan-negozjar tal-emissjonijiet (l-ETS). Hemm tnaqqis fid-dħul ġenerali mill-VAT, li jinkludi l-VAT mill-enerġija, u l-impatti deflazjonarji fix-xenarju jirriżultaw fi tnaqqis żgħir fid-dħul mit-taxxa bil-prezzijiet kurrenti. Madankollu, id-dħul mit-taxxa fuq il-kumpaniji se jiżded minħabba li l-profitti tal-kumpaniji se jiżdedu minħabba prezzijiet aktar baxxi tal-enerġija. Mil-lat tal-infiq, il-gvernijiet se jonfqu inqas fuq l-enerġija wara li jimplimentaw il-miżuri proposti u l-flus iffrankati se jintużaw biex jiġu ffinanzjati l-investimenti fl-effiċjenza fl-

enerġija.
<b>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</b>
Iva. Se jittaffa l-faqar enerġetiku, li huwa prevalenti f'bini qadim li mhux rinnovat. Skont l-istatistika tal-Eurostat imsejja "SILC", madwar 10.8 % tal-unitajiet domestiċi (jiġifieri 23.3 miljun unità domestika) jgħixu fil-faqar enerġetiku.
<b>D. Segwitu</b>
<b>Meta se tiġi riveduta l-politika</b>
Ir-riżultati tal-implimentazzjonital-EPBD se jkunu vvalutati darba kull għaxar snin. Allura r-reviżjoni li jmiss hija prevista għall-bidu tal-2028.